MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Talba Numru. 802/2014

**Spiridione Zammit**
**ID 321043M**

**Vs**

**Stephanie Butler u David Grima**
**ID 3585(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2014 fejn l-attur talab it-Tribunal huwa mitlub jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ammontanti ghal tlett elef erbgha mija u disghin Ewro (€3,490), rapprezentanti arreta ta' kera u konsum ta' dawl u ilma fil-fond mikri mill-attur gewwa '56, Triq il-Kavallieri ta' Malta, M'Skala', liema kirja giet terminate fis-26 ta' Ottubru, 2014.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fejn eccepew illi t-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi

michuda minn dan l-Onorabbli Tribunal u dank if ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-intimati hallsu lil attur kull kera li kienet minnhomm dovuta;

Illi minghajr pregudizzju l-intimati halsu ghal konsum taghhom tad-dawl u ilma u ghalhekk xejn mhu dovut;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra l-attur ngunt in subizzjoni.

Din il-kawza titratta kirja ta’ fond li s-sid u cioe’ l-attur ghamel lil konvenuti. L-attur issostni li l-kirja baqghet ghaddejja sa Ottubru, 2014 mentri l-konvenuti jghidu ill rritornaw ic-cwievet f’Awwissu, 2014.

Inoltre hemm il-kwistjoni ta’ hlas ta’ dawl u ilma. Il-konvenuta stess tammetta illi kienet waqghet lura fil-pagamenti pero tinsisti li m’ghandiex thallas l-ammont kollu peress illi kien hemm garaxx li huwa tal-attur illi kien hemm garaxx li kien juza d-dawl minn taghha.

Xehdu l-partijiet u xhieda ohra prodotti minnhom.

Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova li waqqfet il-kirja f’Awissu u ghalhekk tordna li ghalhekk thallas ix-xahar ta’ Ottubru fl-ammon ta’ mittejn ewro (€200).

Fir-rigward tad-dawl u l-ilma t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kont tad-dawl u ilma ma ghandux jithallas kollu mill-konvenuti u dan wara li l-attur baqa’ qatt ma ghamel sub meter u lanqas qaleb in-numru ta’ residenti minn 0 ghal 2 u ghalhekk dan l-ammont ta’ dawl u ilma ghandhom jinqasam.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici limitatament ghal ammont ta’ elf tmien mija u disghin ewro (€1,980) li tinkludi nofs id-dawl mitlub u xahar kera u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta’ elf tmien mija u disghin ewro (€1,980) lil attur bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------